DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Settembru 2007

dwar l-għajnuna mill-Istat promozzjoni ta' l-investimenti għar-razzjonalizzazzjoni tal-kultivazzjoni tad-dwieli ta' l-inbid fuq pendili wieqfa fir-Rheinland-Pfalz

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 4462)

(Il-verżjoni bil-Ġermaniż biss hija awtentika)

(2008/139/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati biex jagħmlu l-kummenti tagħhom skond l-Artikolu msemmi [1],

Billi:

I. IL-PROĊESS

(1) Permezz ta' ittra tat-30 ta' Settembru 1994 li waslet fis-7 ta' Ottubru 1994, il-Ġermanja nnotifikat l-għajnuna skond l-Artikolu 93(3) (issa l-Artikolu 88(3)) tat-Trattat tal-KE.

(2) Permezz ta' l-ittra Nru SG(95) D/4615 tas-7 ta' April 1995 il-Kummissjoni fetħet il-proċedura formali ta' investigazzjoni skond l-Artikolu 93(3) (issa l-Artikolu 88(3)) tat-Trattat tal-KE [2]. Il-Ġermanja għamlet il-kummenti tagħha dwar dan permezz ta' ittri tad-29 ta' Mejju 1995 u ta' l-24 ta' Ġunju 1996. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment mingħand partijiet terzi interessati. L-awtoritajiet Ġermaniżi kkomunikaw tagħrif addizzjonali lill-Kummissjoni permezz ta' ittra ta' l-'1 ta' Ġunju 2007.

(3) Permezz ta' ittra ta' l-24 ta' Ġunju 1996, il-Ġermanja għarrfet lill-Kummissjoni li kienet qiegħda tirtira l-miżura nnotifikata. Barra minn hekk, fuq talba tal-Kummissjoni, il-Ġermanja kkonfermat li ma kien sar l-ebda ħlas ta' għajnuna ta' investiment.

II. KONKLUŻJONI

(4) Sad-data li fiha rċeviet in-notifika min-naħa tal-Ġermanja, il-Kummissjoni ma kenitx adottat deċiżjoni formali dwar in-notifika kkonċernata. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija tilqa' l-irtirar tan-notifika fis-sens ta' l-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE [3].

(5) Għaldaqstant għandu jintemm il-proċess formali ta' investigazzjoni skond l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, ġaladarba dan issa ma għadx hemm loku.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proċess formali ta' investigazzjoni ta' l-Għajnuna - promozzjoni ta' l-investimenti għar-razzjonalizzazzjoni tal-kultivazzjoni tad-dwieli ta' l-inbid fuq pendili wieqfa fir-Rheinland-Pfalz b'dan hija magħluqa skond l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmula fi Brussell, 21 ta' Settembru 2007.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU C 169, 5.7.1995, p. 12.

[2] ĠU C 359, 11.12.1999, p. 27.

[3] ĠU L 83, 27.3.1999.